Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISA' LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 13**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 13 ta'Jannar 2025 fil-16.52.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u awgura s-sena ġdida mimlija saħħa u ġid.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 13.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

13.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru. 11 ġew approvati hekk kif ppreżentati. Il-Kunsillier A.Pisani pproponiet u l-Kunsillier M. Balzan issekonda. Il-Minuti tas-Seduta Nru. 12 ġew approvati. Il-Kunsillier M.Balzan ippropona u l-Kunsillier M.Abela issekondat.

## 13.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

13.2.1 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet kienx hemm xi żvilluppi dwar is-sejħa tal-offerti ta'*chairlift*. Is-SE infurmat li qed nistennew konferma minn għand it-tieni *bidder* (Comfort Stairs) li jista' jaħdem bl-istess rati li ġew sottometti.

13.2.2 Il-Kunsillier M.Abela staqsiet jekk sarx xi progress dwar il-possibilta' li jitneħħew vetturi abbandunati. Is-SE infurmat li minkejja t-telefonati/emails li saru, Hot Rod għadhom ma wieġbux lura. Il-Kunsillier R.Scicluna issuġeriet li jsir l-aħħar tentattiv. Is-SE se tkun qed terġa' tipprova.

13.2.3 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi indikazzjoni meta jista' jibda' x-xogħol relatat ma' *resurafcing* ta' Triq il-Barmil u Triq il-Wiżna. Is-SE infurmat li l-kuntrattur diġa' iltaqa' mal-Perit dwar dawn ix-xogħlijiet. Hija nfurmat li se terġa' tfakkarhom.

13.2.4 Il-Kunsillier M.Abela staqiset kienx hemm xi żvilluppi dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill ta' Vjal il-Kulħadd. Is-SE infurmat li sa llum, il-Kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza.

13.2.5 Is-Sindku staqsa jekk l-uffiċċjali mid-Dipartiment tas-saħħa avviċinawnix dwar il-possibilta' li terġa' tinfetaħ il-Berġa. Is-SE infurmat li sa llum m'hemm l-ebda konferma. Il-Kunsillier M.Balzan informa li se jkun qed jistaqsi lil xi uffiċċjali dwar din il-materja. Is-Sindku ssuġerixxa sabiex sakemm jiġi deċiż x'se jsir, jiħi miżbugħa l-ħitan kif ukoll nirranġaw l-blinds ta' twieqi.

13.2.6 B'referenza għas-suġġeriment ta' tismija ta' triq għall-astist Raymond Pitre, is-Sindku staqsa jekk hux possibli li flok Trejqa Sant Wistin, tissemma parti minn Triq Esprit Barthet. Is-SE infurmat li diġa' ssotomettiet l-applikazzjoni lil Kumitat. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li tinbidel l-applikazzjoni.

13.2.7 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk hux possibli li jsir pjanta ddettaljata ta' fejn ġew miżrugħa s-siġar u l-arbuxelli fiż-żona tal-Madliena.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 13.3 RAPPORTI MIS-SINDKU

13.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu mill-aħħar Seduta sa llum. F'dan ir-rapport hemm indikat kull laqgħa li attenda għaliha. Dan se jkun aness ma' dawn il-Minuti – App. A.

13.3.2 Nhar il-11 ta' Diċembru, is-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsillieri M.Abela u R.Scicluna offrew ir-rigali miġbura waqt l-attivita' tal-Milied lili huma residenti f'Dar Merbħa Bik. Il-Kunsillier A.Pisani u l-Viċi Sindku staqsew sabiex jekk jkun possibli kull Kunsillier jkun infurmat fi żmien adekwat minn qabel b'dawn it-tip ta' laqgħat.

13.3.3 Fil-11 ta'Diċembru, saret laqgħa annwali tal-lokalita' li sfortunatament l-attendenza kienet vera fqira tant li residenta waħda kienet preżenti.

13.3.4 Nhar it-12 ta' Diċembru, is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma' uffiċċjali ta' TM rigward il-*bus stop* temporanju fi Triq Sant Andrija (ħdejn General Store). Hu nforma li f'din iż-żona hemm problemi kbar li hemm bżonn jiġu ndirizzati b'mod immedjat minħabba s-sigurta' ta' dawk li jkunu qed jużaw it-transport pubbliku.

F'din l-istess ġurnata, sar ukoll festin żgħir għall-anzjani tal-lokalita'. Jidher li dan intlaqa' tajjeb ħafna. Is-Sindku rringrazzja lil *Active Ageing Group* imexxi mill-Kunsillier T.Valentino kif ukoll lill-istaff tal-Kunsill tal-kooperazzjoni tagħhom.

13.3.5 Fi 13 ta' Diċembru, is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma' bejjiegħ tal-ikel dwar il-possibilta' li jarmaw *food stall* fil-lokalita' tagħna. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta'.

13.3.6 Fi 3 ta'Jannar, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera M. Abela u T. Valentino, il-Masġar Dr Charles Grech, is-Sur Gerald Vella (GAL Majjistral) u s-SE kienu preżenti fuq is-sit għal video-clip dwar il-proġett ta' Madliena Trail. Dan il-vidjow clip huwa parti mill-proġett stess u għalhekk irrid jiġi ffinalizat sa 30 ta'Jannar sabiex il-proġett jkun komplut.

13.3.7 Is-Sindku rringazzja lil Kunsillier M.Abela tal-organizazzjoni tal-festin tal-Milied kemm għal Kunsilliera kif ukoll għall-istaff kif ukoll għal attivita' li ġiet organizzata nhar il-Ħadd 5 ta'Jannar fil-kappella tal-Madliena.

13.3.8 Nhar id-9 ta'Jannar, is-Sindku nforma li fi Triq G.Bessiera kien hemm *Mobile Dental Clinic.* Hu rringrazzja lil Kunsillier Rowena Scicluna u lil Kunsillier Anna Pisani tal-interventi tagħhom. Il-Kunsillier R.Scicluna infurmat li sabiex ġie provdut l-eletriku, kienet biċċa ta' uġiegħ ta' ras peress li ma kinx possibli li noffru l-provista' mill-binja tal-Kunsill. Is-Sindku ssuġerixxa li forsi tkun tista' tgħin il-Kunsillier A. Pisani u din ġentilment offriet l-assistenza tagħha.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 13.3 RAPPORTI MIS-SINDKU

13.3.9 Nhar l-10 ta'Jannar, fl-attendenza tal-Perit tal-Kunsill, is-Segretraju Eżekuttiv u Sur Scifo saret laqgħa mal-uffiċċjali tal-ERA dwar il-possibilita' li jinqalgħu s-siġar li qed joħolqu problemi minħabba l-għeruq fil-Ġnien MCC. Wara diskuzzjoni fit-tul, jihder li l-uffiċċjali tal-ERA qablu li jitneħħew is-siġar li qed jikkawżaw ħsarat estensivi fil-bakina n-naħa ta' Triq is-Sejjieħ. Jidher li kien hemm qbil ukoll dwar il-mod ta' kif jista' jiġi mplimentat ix-xogħol in-naħa ta' Triq il-Ħemel. Il-Kunsillier R.Scicluna u A.Pisani urew li jekk kemm-il darba hemm il-possibilta' li dawn is-siġar jiġu salvati, jkun jaqbel li nippreservawhom. Is-Sindku nforma li għalkemm is-siġar huma waħda mill-prijoritajiet, il-Kunsill ma jistax jippermetti li jħalli bankina mhux aċċessibi u l-boundary wall fi stat perikoluż tant li anke l-Perit tal-Kunsill iċċertfika dan.

13.3.10 Is-Sindku ppreżenta l-*appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2024. Wara diskuzzjoni ġie deċiż b'mod unanimu li jiġi approvat il-massimu (10%). Kien hemm qbil unanimu dwar dan minn dawk preżenti.

13.3.11 Rigward l-applikazzjoni ta' PC 67/22, is-Sindku nforma li sfortunatament qegħdin mwaħħlin peress li l-PA infurmawna li hemm bżonn li apparti li hemm bżonn ir-riċerki tal-*area* fejn huwa pjanat li jsir it-taraġ, hemm bżonn li timtela' formola oħra minn nutar/perit. Is-SE infurmat li diġa' beda' dan il-proċess.

13.3.12 Is-Sindku nforma li Project Green kienu aċċettaw l-proposta tal-Kunsill sabiex jiffinanjzaw proġett ta' tisbiħ ta' Triq is-Swieqi. Dan il-proġett jinkludi planter f'kull kantuniera ta'din it-triq. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti. Hu staqsa lis-SE sabiex tfakkarhom dwar il-kuntratt li kellu jiġi ffirmat bejn iż-żewġ partijiet.

## 13.4 APPROVAAZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

13.4.1 L-iskeda tal-pagamenti nru 9 li ġiet mibgħuta minn qabel lil kull Kunsillier, ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-Kunsillier M.Balzan ippropona u l-Kunsillier R.Scicluna issekondat.

## 13.5 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

13.5.1 Is-SE ppreżentat l-Budget għas-sena 2025. Dan tqassam lil kull Kunsillier permezz ta'imejl minn qabel. Hija spejgat li bażikament dan juri s-sitwazzjoni ta' kwaiżi *break-even.* Is-Sindku nforma li din hija sitwazzjoni preokkupanti ħafna peress li juri b'mod ċar li l-Kunsill qed issib diffikulta finanzjajrja anke biex jħallas l-ispejjeż ta'kuljum relatati mal-operat. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa ma' DG Sur E. Vassallo dwar din il-materja. Is-SE se tkun qed torganizza din il-laqgħa. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M.Balzan issekonda.

Din is-seduta spiċċat fit-20.30 u kien hemm qbil li s-Seduta li jmiss issir nhar it-23 ta'Jannar fl-16.30. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv